**QORTI TAL-APPELL**
**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 20 ta' Novembru, 2019**

Numru 10

**Appell Nru. 33/2019**

**Emanuel sive Noel Ciantar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Ian u Rachelle konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Ciantar tat-13 ta' Settembru 2019 mid-digriet tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Awwissu 2019 fejn it-Tribunal astjena milli jkompli jiehu konjizzjoni tat-talba ta' Emanuel Ciantar biex ikompli jisma l-appell 474/18 dwar PA 5334/18 wara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 2019;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet preliminarjament li ma hemmx appell minn digriet simili u fil-mertu d-digriet tat-Tribunal kien korrett fil-fatt u fil-ligi;

Rat ir-risposta tal-konjugi Borg li l issottomettew li ma hemmx appell minn digriet simili ghal dak moghti u in ogni kaz wkoll issottomettew li l-appell ghandu jigi michud ghax is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet finali u ma baghtitx lura l-atti lit-Tribunal;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-digriet tat-Tribunal li jghid hekk:

Ra r-rikors ta' Emanuel Ciantar tat-18 ta' Lulju 2019 u r-risposti in mertu presentati mill-Appellati.
Ra d-decide tal-Onor. Qorti tal-Appell fis-sens illi rrevokat id-decizjoni ta' dan it-Tribunal izda l-istess Qorti ma ordnatx li l-Atti tal-Appell jigu rimessi lura lit-Tribunal sabiex jerga' jisma' l-kaz.
Kwindi huwa car illi t-Tribunal f'dan l-istadju ma jistax jiehu aktar konjizzjoni ta' dan l-Appell u similment ma jistax jiehu konjizzjoni tar-rikors ta' Emanuel Ciantar.
Ghaldaqstant it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ta' Emanuel Ciantar.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni preliminari**

L-isfond ta' dan l-appell jibda mis-sentenza tal-Qorti tla-Appell tad-19 ta' Gunju 2019 wara appell ta' Emanuel Ciantar kontra l-hrug tal-permess PA5334/18. L-appell kien intiz ghar-revoka tal-imsemmi permess. It-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar b'decizjoni tat-18 ta' Marzu 2019 cahad it-talba ghar-revoka tal-permess izda varja f'certi aspetti l-permess PA5334/18. Emanuel Ciantar appella quddiem din il-Qorti biex tigi revokata d-decizjoni tat-Tribunal cioe li jigi revokat il-permess mahrug.

Din il-Qorti laqghet l-appell fis-shih ta' Emanuel Ciantar b'sentenza tad-19 ta' Gunju 2019, ergo u b'mod logiku gie awtomatikament bla ebda effett u kwindi revokat il-permess mahrug mill-Awtorita kif varjat mit-Tribunal PA5334/18.

Jidher li ghal xi raguni ignota ghal din il-Qorti, Emanuel Ciantar ressaq rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni biex it-Tribunal ikompli jisma l-appell fil-mertu. Jibda biex jinghad illi s-sentenzi tal-Qorti joperaw favur u/jew kontra l-partijiet kollha fil-vertenza u li lilhom tolqot (ara artikolu 238 tal-Kap. 12). Kwindi hu car illi r-revoka tad-decizjoni tat-Tribunal u kwindi r-rifjut tal-permess PA5334/18 kif mitlub minn Emanuel

Ciantar kien jorbot kemm lil applikant u l-Awtorita tal-Ippjanar. Ghalhekk zgur ma kienx kemm dubju li l-Awtorita wkoll kienet marbuta bir-revoka tad-decizjoni tat-Tribunal u kwindi r-rifjut tal-permess.

Dan iwassal ghal kwezit quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell tat sentenza finali fuq il-vertenza tant li ma baghtitx l-atti lura lit-Tribunal biex jikkunsidra xi aspett iehor tal-vertenza precizamnet ghax ma kienx hemm aktar x'jigi kunsidrat. It-Tribunal gustament astjena milli jiehu konjizzjoni ta' kwistjoni maghluqa definittivament. Emanuel Ciantar dehrlu li jgawdi minn xi dritt ta' appell kontra dan il-provvediment. Pero apparti l-fatt li Emanuel Ciantar ma kellu ebda bzonn jew jedd jadixxi lit-Tribunal f'dawn ic-cirkostanzi cari tal-kaz, lanqas ghandu l-jedd ulterjuri li jinterponi appell quddiem din il-Qorti. Il-Kapitolu 551 hu car hafna dwar il-gurisdizzjoni u kompetenza tat-Tribunal. Din hi ligi ad hoc b'regoli appoziti li ma jippermetturx it-tehid ta' proceduri li ma jirrizultawx mill-istess ligi. Hemm biss dritt ta' appell quddiem din il-Qorti minn decizjonijiet tat-Tribunal. Id-digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Awwissu 2019 ma jaqa' taht ebda forma ta' decizjoni prevista mill-artikolu 11 tal-Kap. 551 li minnha jista' jsir appell fuq punt ta' ligi.

Il-Qorti taghlaq billi tqis is-sottomissjoni ta' Emanuel Ciantar li jekk ma jinghatax dan id-dritt li l-kaz tieghu jkompli jinstema mit-Tribunal qed jigi mcahhad mid-dritt ghas-smigh xieraq bhala wiehed frivolu f'din ic-cirkostanza meta s-sentenza ta' din il-Qorti kienet cara ghal kull minn kellu r-rieda tajba li jifhimha u josservaha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni ta' Ian u Rachelle konjugi Borg u l-Awtorita tal-Ippjanar u tqis li ma hemm ebda dritt ta' appell quddiem din il-Qorti mill-provvediment moghti mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Awwissu 2019, bl-ispejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur